# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 8**

**Citazzjoni Nru: 2529/00GV**

**Paul Camilleri.**

**vs**

**Alfred Attard.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) rappresentanti bejgh ta' vettura Van Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAZ – 504 gia' kkonsenjata lill-konvenut mill-attur.

Premess illi dan d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m' ghandu l'ebda eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Premess illi l-konvenut debitament interpellat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 –170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u mitejn Lira Maltin (Lm2,200).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas lli jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur Paul Camilleri.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**